C/2026/4839

14.9.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ M.12524 – AEQUITA / RHEINMETALL AUTOMOTIVE)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/4839)

1. Fit-3 ta' Settembru 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— AEQUITA Management SE ("Aequita", il-Ġermanja),

— Rheinmetall Automotive AG ("Rheinmetall Automotive"), sussidjarja ta' Rheinmetall AG, it-tnejn li huma mill-Ġermanja.

Aequita se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Rheinmetall Automotive kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Aequita hija l-entità ta' kontroll finali li timmaniġġja AEQUITA SE & Co. KGaA, kumpanija ta' investiment li tinvesti f'sitwazzjonijiet speċjali, bħal spin-offs tal-gruppi, suċċessjoni u sitwazzjonijiet ta' ristrutturar,

— Rheinmetall Automotive AG hija l-kumpanija azzjonarja tad-diviżjoni ċivili Power Systems ta' Rheinmetall AG, manifattur globali ta' soluzzjonijiet għall-klijenti tas-settur awtomobilistiku u dawk industrijali, b'attivitajiet li jestendu wkoll għas-suq sekondarju indipendenti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12524 — AEQUITA / RHEINMETALL AUTOMOTIVE

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.